MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tal-5 ta' Gunju, 2012

Citazzjoni Numru. 589/2000/1

Louis **CAMILLERI**

vs

**ODEL LIMITED** u Maurice Portelli għal kull interess li jista' jkollu

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fid-29 ta' Marzu, 2000, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, l-attur talab li din il-Qorti (a) ssib li l-kumpannija mħarrka waħedha taħti għad-danni li huwa ġarrab meta, għażlet li minn rajha ttemm unilateralment il-ftehim ("*operator's agreement*") li kienet tatu b'kitba li kienet saret fl-14 ta' Awissu, 1999, sabiex ikun jista' jmexxi l-istabiliment bl-isem ta' "*Il-Foresta*", li jinsab f'Ta' Qali; (b) tillikwida d-danni li huwa ġarrab minħabba dak il-ksur; u (ċ) tordna lill-kumpannija

mħarrka tħallsu d-danni hekk likwidati. Talab ukoll l-ispejjeż u l-imgħax legali;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa mill-kumpannija mħarrka fis-17 ta' Mejju, 2000, li biha laqgħet għall-azzjoni attriċi billi, b'mod preliminari, qalet li l-ġudizzju m'huwiex sħiħ u li l-kitba ma tiswiex għaliex mart l-attur ma ffirmathiex ukoll. Fil-mertu, laqgħet billi qalet li l-effetti tal-kitba għalqu fil-31 ta' Awissu 1999, u li, f'kull każ, ma taħti bl-ebda mod għal xi danni li jippretendi l-attur billi ma kisret l-ebda patt li ntrabtet bih: għall-kuntrarju, kien l-attur u sieħbu li ġabulha dannu, u dwar dan kienet qiegħda żżomm kull riżerva għal kull azzjoni li tista' tieħu fil-konfront tagħhom fir-rigward;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa mill-imħarrek fis-17 ta' Mejju, 2000, li biha laqa' għall-azzjoni attriċi billi qal li hu ma kienx il-kontradittur leġittimu tal-azzjoni attriċi u kien imissu jinħeles milli jibqa' fil-kawża billi hu ma daħal fl-ebda ftehim mal-attur;

Rat in-Nota ta' Ċessjoni mressqa mill-attur fl-1 ta' Diċembru, 2000[1], fil-konfront tal-imħarrek Portelli;

Rat is-sentenza preliminari tagħha (diversament presjeduta) tal-4 ta' April, 2001[2], li biha u għar-raġunijiet hemm imsemmija, ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni ta' l-kumpannija mħarrka dwar in-nuqqas ta' integrita' tal-ġudizzju;

Rat il-verbal tas-smigħ tat-8 ta' Ġunju, 2001[3], li fih l-avukat difensur tal-attur iddikjara li, għall-finijiet tat-tieni eċċezzjoni tal-kumpannija mħarrka, l-attur ma kienx miżżewweġ;

Rat ix-xhieda mogħtija quddiem il-Qorti (diversament presjeduta) u l-provi dokumentali mressqin mill-partijiet;

---
[1] Paġ. 26 tal-proċess
[2] Paġġ. 45 – 9 tal-proċess
[3] Paġ. 50 tal-proċess

Rat id-degriet tagħha tat-3 ta' Marzu, 2004[4], li bih, wara li semgħat id-dikjarazzjoni tal-avukat difensur tal-attur li l-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju (3776/00) ma kienx baqa' jiġġedded u billi kemm it-talba magħmula fir-rikors imressaq mill-kumpannija mħarrka f'Ġunju tal-2001[5], u kif ukoll id-degriet li kienet tat il-Qorti (diversament presjeduta) fid-9 ta' Ottubru, 2001[6], kienu eżawriti, ordnat li l-kawża kellha tibqa' tinstema' bil-ġbir tal-provi tal-partijiet dwar il-mertu tal-kwestjoni;

Rat ix-xhieda mressqa mill-partijiet quddiem il-Qorti magħduda l-provi dokumentali;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-attur fil-11 ta' Jannar, 2006[7];

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-kumpannija mħarrka (u mill-imħarrek Portelli, minkejja li l-kawża kienet ilha żmien ċeduta fil-konfront tiegħu) fil-31 ta' Jannar, 2006[8], bi tweġiba għal dik tal-attur;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degrieti li bihom il-kawża kienet inħollija għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni għad-danni minħabba ksur unilaterali ta' ftehim. L-attur kien daħal fi ftehim mal-kumpannija mħarrka (minn issa 'l quddiem imsejħa "Odel") biex imexxi stabiliment kummerċjali li hija tikri mingħand il-Gvern. Wara li daħal f'nefqa biex irranġa l-post, u kien ħallas is-somma miftehma biex jibda jmexxi listabiliment, ħabta u sabta Odel qaflitu barra u ma ħallitux jidħol fil-post. Irid li Odel tħallsu d-danni li ġarrab minħabba t-temm unilaterali

4 Paġ. 208 tal-proċess
5 Paġ. 51 tal-proċess
6 Paġ. 55 tal-proċess
7 Paġġ. 233 sa 242 tal-proċess
8 Paġġ. 243 sa 256 tal-proċess

tal-ftehim min-naħa tagħha, wara li ma swew għal xejn it-tentativi tiegħu biex jikkonvinċiha tibdel il-fehma tagħha;

Illi għal din l-azzjoni, Odel laqgħet billi b'mod preliminari, qalet li l-ġudizzju m'huwiex sħiħ u li l-kitba ma tiswiex għaliex mart l-attur ma ffirmathiex ukoll. Fil-mertu, laqgħet billi qalet li l-effetti tal-kitba għalqu fil-31 ta' Awissu 1999, u li, f'kull każ, ma taħti bl-ebda mod għal xi danni li jippretendi l-attur billi ma kisret l-ebda patt li ntrabtet bih: għall-kuntrarju, kien l-attur u sieħbu li ġabulha dannu, u dwar dan kienet qiegħda żżomm kull riżerva għal kull azzjoni li tista' tieħu fil-konfront tagħhom fir-rigward;

Illi l-imħarrek laqa' wkoll b'Nota għalih li fiha qal li ma kienx il-kontradittur leġittimu tal-azzjoni attriċi għaliex huwa ma daħal fl-ebda rabta mal-attur u ma nħalaq qatt rapport ġuridiku bejniethom. Talab li jinħeles milli jibqa' fil-kawża;

Illi, kemm hu hekk, b'nota li ressaq xi żmien wara li kienet bdiet miexja l-kawża, l-attur ċeda l-atti kontra l-imħarrek Maurice Portelli;

Illi mill-<u>fatti li joħorġu mill-atti</u> tal-kawża jirriżulta li Odel kienet tikri mid-Dipartiment tal-Artijiet ambjent fil-limiti ta' Ta' Qali, li fih hemm stabiliment li kien iġib l-isem ta' "*Il-Foresta*". Dan l-istabiliment kien magħmul minn ristorant u minn ambjent li jintuża bħala diskoteka u *club*. Il-*club* kien jissejjaħ "*Club Numero Uno*". Għal xi tul ta' żmien, Odel kienet tħaddem biss ir-ristorant, u l-ambent tal-*club* ma kienx jitħaddem;

Illi b'kitba "provviżorja" li saret fl-14 ta' Awissu tal-1999[9], Odel (li fuq dak il-ftehim deher għaliha l-imħarrek Portelli) intrabtet li tqabbad lill-attur u lil wieħed Joseph Camilleri flimkien u solidalment bejniethom biex imexxu dik il-biċċa tal-imsemmi stabiliment (bit-tagħmir li kien jinsab fih) meqjusa bħala l-*club* bħala operaturi tiegħu, u dan taħt il-patti u l-kundizzjonijiet hemm imsemmija, fosthom ir-rati

[9] Dok "A", f'paġġ. 5 – 9 tal-proċess

ta' ħlas lil Odel kull xahar. Il-ftehim kien jagħlaq fil-31 ta' Diċembru, 2009;

Illi f'Awissu l-attur u sieħbu ngħataw iċ-ċwievet tal-post. Billi l-post kien ilu mitluq xi żmien, qabbdu xi nies biex itellgħu mill-ġdid il-ħajt limitrofu tiegħu u jiżbru xi siġar li kien hemm fl-istabiliment. Gaħmlu nefqiet għal xi titjib ieħor[10]. L-attur daħal fi ftehim ma' tliet persuni oħra biex jużaw l-ambjent tal-*club* u fl-ewwel ġimgħa ta' Settembru żammew hemmhekk l-ewwel attivita' fl-istabiliment minn wara li kien ġie f'idejn l-attur u sieħbu[11] u d-dħul minn dik l-attivita' ntuża mill-attur biex jitħallsu n-nefqiet tax-xogħlijiet li kienu saru fil-post[12];

Illi sadattant l-attur u sieħbu kienu bidlu l-isem tal-istabiliment u semmewh "*Club Terrain*". B'dak l-isem organiżżaw l-ewwel attivita' mnedija minnhom fis-17 ta' Ottubru tal-1999, iżda l-għada tlewmu u ma baqgħux jaħdmu flimkien. Kienu spiċċaw f'kawża fil-Qorti u bi kwestjonjiet oħrajn li fihom iddaħħlet il-Pulizija;

Illi ftit jiem wara, Odel ingħatat lura l-pussess tal-istabiliment mill-attur meta rappreżentant tagħha ltaqa' miegħu fl-istess stabiliment[13]. L-attur jisħaq li kien l-imħarrek Portelli li, minn wara dahru, bidel iċ-ċwievet u ċaħħdu milli jidħol aktar hemmhekk[14]. Waqt is-smigħ tat-8 ta' Ottubru, 2003, l-attur wera mazz ċwievet fil-Qorti li huwa saħaq li kienu ċ-ċwievet li ngħata meta iffirma l-ftehim ma' Odel f'Awissu tal-1999;

Illi fit-28 ta' Ottubru, 1999, l-attur talab u kiseb il-ħruġ ta' *bank draft* mill-fergħa ta' San Ġwann tal-Mid-Med Bank għas-somma ta' elf u ħames mitt lira Maltin (Lm 1,500) pagabbli lill-imħarrek Portelli[15]. L-għada, l-attur reġa' mar fl-istess fergħa u talab li l-*bank draft* jerġa' jissarraf lura fi flus kontanti minħabba li ma kienx għad hemm ħtieġa għalih[16];

---

[10] Dokti "LC22" sa "LC25", f'paġġ. 181 – 8 tal-proċess
[11] Dok "EZL3", f'paġ. 201 tal-proċess
[12] Xhieda tal-attur 8.10.2003, f'paġġ. 204 – 5 tal-proċess
[13] Xhieda ta' Stephen Samut Tagliaferro 6.2.2002, f'paġġ. 130 – 1 tal-proċess
[14] Xhieda tiegħu 11.3.2002, f'paġ. 156 tal-proċess
[15] Dok "MP1", f'paġ. 110 tal-proċess
[16] Dok "MP2", f'paġ. 111 tal-proċess

Illi f'Novembru tal-1999[17], l-attur bagħat ittra bl-avukat lill-imħarrek Portelli jitolbu jħares il-ftehim milħuq. Billi Portelli baqa' ma weġibx, reġgħet intbagħtet ittra oħra bl-avukat aktar tard fl-istess xahar[18] li wissiet lil Portelli biex jagħti lura l-pussess lill-attur qabel ma dan jiftaħlu kawża ta' spoll;

Illi f'Marzu tal-2000, infetħet din il-kawża;

Illi l-<u>konsiderazzjonijiet ta' natura legali</u> li jolqtu din il-kawża jieħdu xejriet differenti. Lil hinn mill-kawżali tad-danni mnissla minn inadempiment li jikkaratterizzaw u jidentifikaw it-talbiet attriċi (u li magħhom trid toqgħod il-Qorti fl-istħarriġ tagħha), hemm il-kwestjoni kruċjali tal-verżjonijiet għal kollox kontrastanti tal-partijiet. Dan huwa każ fejn il-partijiet ma jaqblu fuq xejn u jikkontestaw saħansitra dak li jidher mill-provi miktuba. Minbarra dan, wieħed mill-imħarrkin baqa' jagħmel sottomissjonijiet minkejja li l-attur kien ilu żmien li ċeda l-atti tal-kawża fil-konfront tiegħu;

Illi **dwar il-verżjonijiet kontrastanti tal-partijiet u min minnhom jistħoqqlu jitwemmen** l-Qorti kellha tqis b'reqqa ċ-ċirkostanzi li fihom il-partijiet ġew f'rabta ma' xulxin. Dan il-fatt ikompli jżid fit-toqol tiegħu meta wieħed iqis li, għall-bidu, kienet imdaħħla persuna oħra bi sħab mal-attur li, wara ftit taż-żmien, kellha xi tgħid mal-istess attur u kisritha bl-ikrah miegħu u li qatt ma kienet parti f'din il-kawża. Madankollu, huwa u jibqa' dejjem prinċipju tad-dritt li l-parti attriċi f'kawża għandha l-obbligu li tipprova kif imiss il-premessi għat-talbiet tagħha b'mod li, jekk tonqos li tagħmel dan, iwassal għall-ħelsien tal-parti mħarrka[19]. Il-fatt li l-parti mħarrka tkun ressqet verżjoni li ma taqbilx ma' dik imressqa mill-parti attriċi ma jfissirx li l-parti attriċi tkun naqset minn dan l-obbligu, għaliex jekk kemm-il darba l-provi ċirkostanzjali, materjali jew fattwali jagħtu piż lil dik il-verżjoni tal-parti attriċi, l-Qorti tista' tagħżel li toqgħod fuqha u twarrab il-verżjoni tal-parti

[17] Dok "B", f'paġ. 10 tal-proċess
[18] Dok "Ċ", f'paġ. 11 tal-proċess
[19] App. Inf. JSP **12.1.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Hans J. Link et vs Raymond Merċieca***

mħarrka. Min-naħa l-oħra, il-fatt li l-parti mħarrka ma tressaqx provi tajba jew ma tressaq provi xejn kontra l-pretensjonijiet tal-parti attriċi, ma jeħlisx lil din milli tipprova kif imiss l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tagħha[20];

Illi huwa għalhekk li l-liġi torbot lill-parti f'kawża li tipprova dak li tallega[21] u li tagħmel dan billi tressaq l-aħjar prova[22]. Issa huwa miżmum li fil-każ li ż-żewġ partijiet iressqu verżjonjiet għal kollox konfliġġenti ma' xulxin b'mod li l-waħda xxejjen 'il-oħra, iżda li t-tnejn jistgħu jitwemmnu, allura qagħda bħal din tgħin lill-parti mħarrka, fuq il-bażi tar-regola li *onus incumbit ei qui dixit*[23] u tar-regola proċedurali l-oħra li timxi magħha li *actore non probante reus absolvitur*[24]. Iżda, hawn ukoll, mhux kull konflitt fil-provi jew verżjonijiet imressqa quddiem qorti għandhom iwasslu għaċ-ċaħda tat-talbiet attriċi, għaliex il-kriterju li jsegwi l-ġudikant irid ikun dak li jqis jekk, fid-dawl tal-provi mressqa, verżjoni waħda jistax joqgħod fuqha aktar mill-oħra[25];

Illi mill-atti tal-kawża joħroġ li l-partijiet la jaqblu li kien hemm tassew rabta kuntrattwali bejniethom, la jaqblu dwar dak li l-istess rabta kienet tgħid, u lanaqas jaqblu dwar fatti li l-kitba li saret bejniethom innifisha ssemmi. Minħabba li l-azzjoni attriċi hija mibnija fuq il-kawżali ewlenija tan-nuqqas ta' twetiq tar-rabtiet kuntrattwali, il-Qorti jeħtiġilha qabel kull ħaġ'oħra li tqis sewwa l-kitba li saret f'Awissu tal-1999;

Illi l-attur jgħid li dak il-ftehim kien l-"*operators' agreement*" li Odel tat lilu u lil sieħbu Joseph Camilleri biex imexxu l-istabiliment kummerċjali f'Ta' Qali. Min-naħa tagħha, Odel tgħid li dak kien biss ftehim "proviżorju" fis-sura ta' "konvenju" jew wegħda informali li kellha tkun formalizzata biss xi jiem wara, meta l-avukat tagħha jkun reġa' ġie lura

[20] App. Inf. PS **7.5.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Emanuel Ellul et vs Anthony Busuttil***
[21] Art. 562 tal-Kap 12
[22] Art. 559 tal-Kap 12
[23] P.A. NC **28.4.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Frank Giordmaina Medici et vs William Rizzo et***
[24] P.A. LFS **18.5.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***Log. Kurunell Gustav Caruana pro et noe vs Air Supplies &447ernig Co Ltd***
[25] P.A. PS **28.4.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Emanuel Ġiantar vs David Curmi noe*** (konfermata fl-Appell **19.6.2006**)

Malta mis-safar u japprova dak li nkiteb. Hija tisħaq li jekk kien hemm xi rabta, din intemmet ma' tmiem Awissu tal-1999, billi ma sarx l-ebda kuntratt formali wara dik il-kitba. Joseph Camilleri, sieħeb l-attur, qatt ma qanqal kwestjonijiet dwar in-natura tal-ftehim, iżda minħabba li kien kisirha mal-attur ftit taż-żmien wara, ma ressaq lebda pretensjoni dwar dak il-ftehim u, għall-kuntrarju, kien iddikjara pubblikament li hu ma kienx irid jibqa' bi sħab mal-attur f'dak in-negozju;

Illi kif jidher mill-atti[26] l-kitba li fuqha jistrieħ l-attur saret fl-14 ta' Awissu, 1999. Jidher ukoll li l-istess kitba kienet ġenerata mill-imħarrek Maurice Portelli minn abbozz li bħalu jidher li jintuża mill-istess imħarrek għal ftehim oħrajn ta' konċessjoni lil operaturi ta' stabilimenti. Tagħrif dwar il-partijiet u xi kundizzjonijiet partikolari mtlew bl-idejn dak inhar tal-ftehim. Il-kitba ġġib il-firem tal-partijiet. F'żewġ paġni minnhom tniżżlu wkoll il-frażijiet "*agreed provisionally. Proper contract to be signed by 31.8.99*" u "*agreed provisionally until proper contract signed...*". Huwa fatt li, wara dik il-kitba, ma saret l-ebda kitba jew l-ebda ftehim ieħor bejn Odel u l-attur dwar l-imsemmi stabiliment;

Illi fil-fehma tal-Qorti, il-kitba mertu tal-każ kienet ftehim sħiħ fih innifsu u, minkejja l-frażijiet li setgħu tniżżlu, ma jistax jitqies li l-partijiet kienu stipulaw li dak il-ftehim kien tassew jagħlaq fi tmiem ix-xahar jekk kemm-il darba ma jkunx sar il-ftehim "formali" ta' dak li kien miftiehem. Din il-fehma tal-Qorti toħroġ mill-fatt li, ma hemm l-ebda klawsola fil-ftehim li tgħid li l-kitba kellu jkollha siwi biss sa xi żmien limitat. Għall-kuntrarju, waħda mill-frażijiet innifisha kienet tgħid li l-ftehim "proviżorju" jibqa' jseħħ sa ma jkun iffirmat il-ftehim formali. Fit-tieni lok, uħud mill-klawsoli tal-kitba jmieru l-provviżorjeta' tal-kitba, billi fihom kundizzjonijiet li jitkellmu dwar ħlasijiet għal żmien ħafna wara Awissu tal-1999, minbarra li fihom ukoll taqsim ta' termini u żmien li ma jagħmilx sens li jiddaħħlu li kieku l-ftehim tassew kien jorbot biss sa tmiem dak ix-xahar. Fit-tielet lok, Odel ma fissritx għaliex, ladarba l-kitba kienet

[26] Dok "A" f'paġġ.

biss waħda "proviżorja", tat iċ-ċwievet lill-attur u lil sieħbu dakinhar li saret il-kitba, u ħalliethom jibdew jagħmlu x-xogħlijiet fil-post minnufih mal-iffirmar. Fir-raba' lok, ma ngħatat l-ebda raġuni tajba għaliex, jekk Odel tassew qieset lilha nnifisha marbuta biss mal-attur (u sieħbu) sa tmiem ix-xahar, kif ma qalet xejn u ippermettiet lill-istess attur (u 'l sieħbu) jżommu żewġ attivitajiet fl-istabiliment f'Settembru u f'Ottubru ta' wara. Fil-ħames lok, il-Qorti hija tal-fehma sħiħa li l-artikoli 992, 993, 1003, 1004, 1008 u 1009 tal-Kodiċi Ċivili ma jsostnux il-pożizzjoni ta' Odel dwar il-kitba li saret dak inhar;

Illi b'żieda ma' dan kollu, il-fatt li Odel issejjaħ dan il-ftehim bħala wieħed "proviżorju", juri wkoll bla ebda dubju li, għaliha wkoll, l-imsemmija kitba kienet tassew torbot lill-partijiet li dehru fuqha, imqar jekk għal żmien limitat;

Illi t-tieni konsiderazzjoni tirrigwarda l-**bażi tal-azzjoni attriċi fil-mertu**. Kif ingħad, l-attur isejjes l-azzjoni tiegħu fuq il-ksur tal-ftehim min-naħa ta' Odel. Huwa jgħid li Odel waqqfet unilateralment il-ftehim li kienet għamlet miegħu, minkejja li hu qagħad għal kulma ntrabat bih u wettqu. Għalkemm l-attur isemmi t-tħassir min-naħa l-waħda tal-ftehim magħmul bejn il-partijiet, il-Qorti tqis li l-qofol tal-azzjoni attriċi huwa l-allegat inadempiment min-naħa ta' Odel. Kemm hu hekk, fl-ittra mibgħuta lil Odel mill-avukat tal-attur f'Novembru tal-1999, Odel intalbet li "taderixxi ruħek b'mod komplet mal-obbligi imposti fuqek fl-imsemmi ftehim"[27]. Il-Qorti tifhem ukoll li l-ksur unilaterali min-naħa ta' waħda minn żewġ kontraenti fuq ftehim jissarraf ukoll f'għamla ta' inadempiment tar-rabtiet kontrattwali. Kemm hu hekk, id-duttrina tgħallem li "*Si ha inadempimento del contratto quando il debitore non esegue la prestazione dovuta, o la esegue in modo tardivo, oppure in modo inesatto; l'inadempimento delle obbligazioni (modo non satisfattivo di estinzione dell'obbligazione) comporta inadempimento del contratto*"[28];

Illi huwa prinċipju aċċettat li n-nuqqas ta' twettiq ta' obbligazzjoni kuntrattwali iġġib fis-seħħ l-effetti

[27] Dok "B", f'paġ. 10 tal-proċess
[28] G Alpa Corso di Diritto Contrattuale (2006), paġ. 145

"sekondarji" tal-istess obbligazzjoni – jiġifieri l-effett li min jonqos li jwettaq dak li ntrabat għalih irid jagħmel tajjeb għad-danni li tkun ġarrbet il-parti li magħha kien intrabat[29]. Dan minbarra l-effett "primarju" li jista' jwassal għat-tħassir tal-obbligazzjoni jew kuntratt li jkun;

Illi meta parti tkun intrabtet li twettaq xi ħaġa u ma tagħmilhiex jew ma ttemmhiex, il-parti l-oħra (jiġifieri, l-kreditur tal-obbligazzjoni) tista' tingħata s-setgħa li twettaqha hi bi spejjeż ta' min ikun naqasha (jiġifieri, d-debitur tal-obbligazzjoni)[30]. Kreditur ta' obligazzjoni li ħaddieħor ikun intrabat miegħu li jwettaq, u dan jonqos li jwettaqha, għandu l-għażla li jew jinsisti mad-debitur tal-obbligazzjoni li jwettaq dak li ntrabat li jagħmel[31] jew, f'każ li l-adempiment ma jkunx għadu jista' jsir aktar, li jitlob il-ħlas tad-danni mġarrba minħabba dak in-nuqqas[32];

Illi meta wieħed jintrabat li jwettaq obbligazzjoni huwa mistenni li jagħmel dan bl-għaqal ta' missier tajjeb tal-familja[33]. Dan għaliex, ukoll fejn id-debitur ma jkunx mexa b'mala fidi, huwa jrid jagħmel tajjeb għal kull dannu li jġarrab il-kreditur tal-obbligazzjoni kemm dwar in-nuqqas ta' twettiq tar-rabta u kif ukoll dwar id-dewmien fl-eżekuzzjoni[34]. Biex jeħles minn dawn l-effetti, id-debitur irid juri li n-nuqqas ta' twettiq tal-obbligazzjoni jew id-dewmien fit-twettiq tagħha fiż-żmien miftiehem kienu l-kawża ta' ħaġa barranija li huwa ma kienx jaħti għaliha, bħal fil-każ ta' aċċident jew forza maġġuri[35];

Illi d-danni maħsuba mil-liġi għan-nuqqas ta' twettiq ta' obbligazzjoni jew għat-twettiq tardiv tagħha huma t-telf imġarrab mill-kreditur u/jew il-qligħ imtellef[36], sakemm jintwera li tali telf jew tali qligħ imtellef ikunu l-effett immedjat u dirett tan-nuqqas tat-twettiq tal-obbligazzjoni[37]. Fejn in-nuqqas ta' twettiq ma jkunx ġej minn għamil doluż tad-debitur, id-danni mġarrbin mill-kreditur li huwa obbligat

---

[29] Art. 1125 tal-Kap 16
[30] Art. 1127 tal-Kap 16
[31] P.A. **13.12.1952** fil-kawża fl-ismijiet ***Galea vs Calleja*** (Kolez. Vol: **XXXVI.ii.578**)
[32] Kumm. **13.2.1952** fil-kawża fl-ismijiet ***Petroni vs Petroni noe*** (Kollez. Vol: **XXXVI.iii.629**)
[33] Art. 1132(1) tal-Kap 16
[34] Art. 1133 tal-Kap 16
[35] Art.1134 tal-Kap 16
[36] Art. 1135 tal-Kap 16
[37] Art. 1137 tal-Kap 16

jagħmel tajjeb għalihom huma dawk li basar jew wieħed sata' jobsor li jiġġarrbu fiż-żmien tat-twettiq tal-obbligazzjoni[38];

Illi jkun xieraq li wieħed iżomm quddiem għajnejh li ladarba d-danni mitluba huma ta' sura kuntrattwali, l-għan tagħhom irid ikun dak li jagħmlu tajjeb għall-ħsara li l-parti kontraenti mġarrba turi li batiet minħabba l-ksur kuntrattwali tal-parti l-oħra, u m'għandhomx ikunu għodda ta' piena kontra dik il-parti inadempjenti u lanqas okkażjoni għall-parti mġarrba li tistagħna bi ħsara tal-parti inadempjenti[39]. B'mod partikolari, min, minħabba ksur ta' rabta kuntrattwali li jkun daħal għaliha, jsir responsabbli għall-ħlas tad-danni lill-parti l-oħra jrid jagħmel tajjeb għal kull dannu li raġonevolment jitqies konsegwenti direttament għal dak in-nuqqas[40], filwaqt li l-istess parti mġarrba għandha d-dmir li tieħu l-passi meħtieġa biex tnaqqas kemm jista' jkun dak id-dannu jew tal-anqas ma tagħmlux agħar[41];

Illi filwaqt li l-attur jgħid li Odel kisret ir-rabtiet tagħha lejh billi minn rjha temmet il-kuntratt qabel waqtu, Odel tisħaq li kellha raġunijiet tajbin biex tqis li, min-naħa tiegħu, l-attur ukoll jaħti lejha ta' nuqqas. F'dan ir-rigward, minbarra d-difiża ewlenija tagħha dwar in-nuqqas ta' eżistenza ta' rabta kuntrattwali (it-tielet eċċezzjoni), Odel tqajjem id-difiża li l-attur ukoll kien inadempjenti (ir-raba' eċċezzjoni). Hija tidentifika dan in-nuqqas billi tgħid li l-attur ma ħallasx il-pagamenti li kellu jagħmel skond il-ftehim u fiż-żmien xieraq u li ħalla tħarbit u dannu fil-post meta telqu minn taħt idejh;

Illi huwa mogħti lil parti f'kuntratt li tilqa' bid-difiża tal-inadempiment għat-talba tal-ħlas magħmula mill-parti l-oħra, li hija magħrufa bħala l-*exceptio non rite adempleti contractus*. Din l-eċċezzjoni tista' titqajjem f'kull kuntratt bilaterali jew sinallagmatiku u hija maħsuba li twaqqa' l-

---

[38] Art. 1136 tal-Kap 16

[39] App. Kumm. **15.12.1952** fil-kawża fl-ismijiet ***Calleja noe vs Mamo pro et noe*** (Kollez. Vol: **XXXIV.i.367**)

[40] P.A. PS **23.4.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Dalli et vs Mediterranean Film Studios Ltd.*** (mhix appellata)

[41] App. Inf. **3.11.1956** fil-kawża fl-ismijiet ***Xuereb vs Livick*** (Kollez. Vol: **XL.i.63**)

azzjoni avversarja mibdija minn min huwa nnifsu ma kienx wettaq dak li ntrabat għalih fl-istess kuntratt[42]. Fejn eċċezzjoni bħal din tirriżulta mistħoqqa, l-parti mħarrka tikseb l-għarfien ġudizzjarju (b'seħħ lura minn dak inhar li l-parti attriċi tkun naqset milli twettaq il-parti tagħha) li hija tista' tissospendi l-eżekuzzjoni tar-rabtiet tagħha sakemm il-parti l-oħra attriċi tibqa' inadempjenti[43];

Illi, madankollu, huwa mgħallem u aċċettat ukoll li biex dan jista' jsir, jrid jintwera li min jirreżisti l-ħlas ma kienx huwa nnifsu inadempjenti f'xi ħaġa li kellu jagħmel taħt l-istess kuntratt. Kemm hu hekk, il-prinċipju li *inademplenti non est ademplendum*, jinbena fuq il-presuppost li min jonqos li jwettaq dak li jkun intrabat bih f'kuntratt ma jistax iwaqqa' l-istess kuntratt fuq il-kawżali tal-inadempiment tal-parti l-oħra[44]. Minbarra dan, biex dik l-eċċezzjoni tista' tintlaqa' jeħtieġ jintwera li (a) l-inadempiment tal-parti attriċi trid tikkonsisti fi ksur ta' rabta li hija parti integrali mill-ftehim; (b) li dak il-ksur trid tkun tassew taħti għalih il-parti attriċi; u (ċ) hemm proporzjonalita' bejn in-nuqqasijiet tal-partijiet, jiġifieri li dak in-nuqqas allegat fil-parti attriċi jkun ta' ċerta toqol meta mqabbel man-nuqqas tar-rabta tal-parti mħarrka[45];

Illi l-Qorti jidhrilha li għandha tgħaddi biex tqis jekk huwiex minnu li l-attur naqas mir-rabtiet kuntrattwali li daħal għalihom u jekk kemm-il darba tali nuqqasijiet kenux ta' natura tali li jxejnu l-ilmenti tiegħu fil-konfront ta' Odel. Kif ingħad, Odel tisħaq li l-attur naqas li jħallas dak li kien miftiehem u fiż-żmien li kien miftiehem, u li ħalla ħafna ħsara fil-post;

Illi l-kitba ffirmata f'Awissu tal-1999 kienet tgħid li, għall-bqija tas-sena 1999, Odel kellha titħallas sitt elef liri Maltin (Lm 6,000) sal-aħħar ta' dik is-sena, maqsumin kif imfisser fil-klawsola 8(A) tal-istess kitba. Maurice Portelli[46] u Stephen Samut Tagliaferro[47] għal Odel it-tnejn

---

[42] App. Kumm. **12.3.1965** fil-kawża fl-ismijiet ***Aquilina utrinque*** (Kollez. Vol: **XLIX.i.518**)
[43] App. Inf. PS **15.1.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Siġġiewi Basketball Club vs Michele Peresso Ltd.***
[44] App. Ċiv. **3.6.1938** fil-kawża fl-ismijiet ***Muscat vs Attard et*** (Kollez. Vol: **XXX.i.155**)
[45] Ara App. Ċiv. **29.10.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Nażżareno Vassallo et noe et vs Dr. Michael Caruana et noe***
[46] Xhieda tiegħu 6.2.2002, f'paġġ. 118, 121 u 124 tal-proċess
[47] Xhieda tiegħu 6.2.2002, f'paġ. 139 tal-proċess

jisħqu li, minn dak inhar li sar il-ftehim, ma sar l-ebda ħlas mill-attur (jew minn sieħbu). L-attur jiċħad dan u jgħid[48] li l-ewwel ħlas sar tassew għaliex il-ftehim innifsu jgħid hekk u li t-tieni ħlas sar minnu fiż-żmien miftiehem ukoll;

Illi huwa minnu li l-kitba tgħid li l-ewwel ħlas ta' elf lira maltin kellu jsir "*on the signing of this agreement*". Il-ftehim kien firmat fl-14 ta' Awissu, 1999, u ċ-ċwievet ingħataw lill-attur dak inhar. L-attur jisħaq li Odel ma tistax tmieri dak li jgħid il-ftehim miktub;

Illi hawnhekk tiġi fuq quddiem ir-regola ewlenija fil-qasam proċedurali li trid li ma tistax tinġieb prova kontra dak li huwa miktub. Ir-regola *contra scriptum testimonium non scriptum non fertur* tfisser li prova b'dokument ma tistax titwaqqa' bi prova kontra dak li tgħid il-kitba, jekk mhux għal raġunijiet serji[49]. Kemm hu hekk, dwar tali regola huwa stabilit li (a) meta ftehim ikun inkorporat f'kitba, għandu jitqies li dak li l-partijiet riedu jiftehmu dwaru kien fil-fatt imniżżel f'dik il-kitba; (b) li l-provi orali huma ammissibbli biss biex jiċċaraw xi punti dubjużi tal-kitba; (ċ) li l-provi orali jistgħu jitressqu biex tiġi mfissra aħjar ir-rieda tal-kontraenti fuq il-kitba, l-iżjed jekk dak li nkiteb ikun tniżżel b'mod ambigwu jew biex jiġi pruvat xi fatt inċidentali jew aċċessorju kompatibbli mal-istess kitba[50]; u (d) li r-regola tibqa' fis-seħħ sakemm il-Qorti ma tkunx konvinta li fil-kitba jew kuntratt hemm żball jew tħalla barra xi patt għal raġuni speċjali[51];

Illi r-raġunijiet serji maħsuba bħala eċċezzjonijiet għar-regola huma meta (i) il-ftehim ikun vizzjat minn qerq jew xi raġuni oħra li tolqot is-siwi formali jew essenzjali tal-ftehim, (ii) il-ftehim ikun simulat, (iii) l-kitba ma turix fehmiet ċari ta' dak li suppost hemm qbil dwaru bejn il-partijiet, (iv) meta jqum punt inċidentali jew aċċessorju tal-ftehim li jkun meħtieġ li jiġi ippruvat u sakemm tali punt ma

[48] Xhieda tiegħu 11.3.2002, f'paġ. 151 tal-proċess
[49] Ara, per eżempju, App. Ċiv. **28.2.1997** fil-kawża fl-ismijiet ***Grech Sant noe vs Farruġia noe et*** (Kollez. Vol: **LXXXI.ii.394**); P.A. **11.5.1988** fil-kawża fl-ismijiet ***Privitera noe vs Galea noe*** (Kollez. Vol: **LXXII.iv.775**); App. Ċiv. **30.1.1967** fil-kawża fl-ismijiet ***Żammit et vs Żammit et*** (Kollez. Vol: **LI.i.61**) u App. Kumm. **28.10.1960** fil-kawża fl-ismijiet ***Lungaro Mifsud noe vs Polidano*** (Kollez. Vol: **XLIV.i.267**)
[50] P.A. RCP **29.11.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***General Cleaners Co Ltd vs L-Avukat Ġenerali et***
[51] App. Ċiv. **6.6.1955** fil-kawża fl-ismijiet ***Gatt vs Cuschieri noe*** (Kollez. Vol: **XXXIX.i.221**) u l-għadd ta' riferenzi hemm imsemmija

jkunx irrikonċiljabbli mal-ftehim ewlieni; u (v) meta mal-ftehim miktub ikun sar ftehim ieħor bil-fomm li b'xi mod jammonta għal kundizzjoni li tolqot fil-qalba l-eżekuzzjoni tal-ftehim innifsu[52];

Illi l-Qorti hija tal-fehma li, mix-xhieda li ngħatat mill-partijiet infushom, hemm lok li l-Qorti tistħarreġ lil hinn minn dak li tniżżel fl-imsemmija kitba. Għalkemm il-frażi fil-klawsola 8A(i) ma tgħidx ċar u tond li kien qed isir il-ħlas mal-iffirmar, dik kienet l-implikazzjoni, kif jissottometti l-attur. Imma mix-xhieda tal-attur[53] ħareġ ċar ukoll li mhux hekk ġara u li dak inhar li saret il-kitba l-attur u sieħbu ma ħallsu xejn. L-attur jgħid li kien l-għada li mar bil-flus (kontanti) u tahom lill-imħarrek Maurice Portelli u li, meta talbu r-riċevuta, dan qallu li l-kliem tal-kitba huwa riċevuta minnha nnifisha. Minbarra li din ix-xhieda ssaħħaħ l-argument ta' Odel li wieħed ma jistax joqgħod biss fuq dak li tgħid il-kitba, il-Qorti ma tqisx dan l-argument tal-attur bħala tajjeb bħala prova li wieħed jista' joqgħod fuqha tal-ħlas effettwat minnu. Ladarba l-attur innifsu jistqarr li l-ħlas tal-ewwel akkont ma sarx dak inhar li saret il-kitba, naqas sewwa li ma jisħaqx li tinħareġ riċevuta dak inhar li wettaq il-ħlas li jgħid li għamel. Min-naħa l-oħra, kif ingħad, Odel tisħaq li l-ebda ħlas bħal dak ma sar;

Illi, b'żieda ma' dan, hemm iċ-ċirkostanza tat-tieni ħlas. L-attur wera li fit-28 ta' Ottubru, 1999, mar fil-fergħa tal-Mid-Med Bank ta' San Ġwann u talab il-ħruġ ta' *bank draft* għal elf u ħames mitt lira Maltin (Lm 1,500) favur Maurice Portelli. L-attur jgħid li dak id-*draft* kien maħsub bħala l-ħlas tat-tieni skadenza akkont għas-sena 1999 dwar it-tħaddim tal-istabiliment. Jgħid ukoll li meta mar bih għand l-imħarrek Portelli, dan ma riedx jaċċettah għaliex ried jitħallas fi flus kontanti għal raġunijiet fiskali[54]. Kemm hu hekk, jirriżulta[55] li l-għada, l-attur reġa' mar lura fl-istess fergħa u sarraf id-*draft* u ngħata lura l-import tiegħu fi flus kontanti. L-attur jgħid li, hekk kif għamel hekk, mar għand l-imħarrek Maurice Portelli u ħallsu dik is-somma. Madankollu, jgħid ukoll li Portelli ma tahx riċevuta;

---

[52] Ara P.A. PS **31.1.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Amante Caruana vs Saveria Bonniċi***
[53] Ara paġ. 151 tal-proċess
[54] Xhieda tiegħu f'paġ. 152 tal-proċess
[55] Xhieda ta' Juliet Cutugno 25.5.2005, f'paġ. 223 tal-proċess

Illi l-Qorti ma tistax toqgħod fuq il-verżjoni tal-attur. L-aqwa prova tal-ħlas hija r-riċevuta u, għalkemm tista' ssir prova mod ieħor ta' ħlas, f'dan il-każ mhux talli ma teżisti l-ebda prova bħal din, talli saħansitra hemm iċ-ċaħda kategorika tal-kontro-parti. Fit-tieni lok, ma tfisser bl-ebda mod għaliex l-attur ħareġ *bank draft* ta' Lm 1,500, meta l-ftehim innifsu kien jipprovdi għall-ħlas ta' somma akbar f'Ottubru. Fit-tielet lok, l-għamil tal-attur jixhed li huwa mar jitlob il-ħruġ tal-*bank draft* minn tal-anqas għaxart ijiem wara li l-ħlas messu sar (u dan meta huwa u sieħbu diġa' kienu tlewmu u kien ħareġ ċar diġa' li sieħbu ma kienx irid ikollu x'jaqsam aktar mat-tmexxija tal-post). Din il-ġabra ta' ċirkostanzi, fil-qafas tal-ġrajjiet kollha li ssemmew aktar qabel, iwasslu lill-Qorti biex issib li l-attur naqas li jipprova – kif kien jaqa' fuqu li jsir – li huwa tassew żamm mal-parti tiegħu tal-ftehim dwar il-ħlas puntwali minnu dovut;

Illi fir-rigward tat-tieni raġuni miġjuba 'l quddiem minn Odel dwar il-ħsarat u d-danni li allegatament tħallew fil-post meta l-istabiliment reġa' waqa' f'idejha, l-Qorti ssib li din l-allegazzjoni m'hijiex tajba. Il-provi dokumentali juru[56] li l-post tħalla bil-wisq aħjar minn kif kienu sabuh l-attur u sieħbu meta ngħataw iċ-ċwievet tal-post. Minbarra dan, Odel naqset li turi li tassew kellha tidħol f'nefqa biex tirranġa dak li qieset bħala "tħarbit" fil-post;

Illi, madankollu, jibqa' l-fatt li ntwera li l-attur naqas minn waħda mir-rabtiet ewlenin tiegħu lejn Odel. L-argument tiegħu li kien jafda fl-imħarrek Portelli ma jistax jissarraf fi prova li dak li jidher li huwa nuqqas serju fil-fatt ma kienx. Il-ħlas tal-korrispettiv kien, wara kollox, ir-raġuni ewlenija li ħajjar lil Odel tidħol fil-ftehim mal-attur (u sieħbu) u li dak il-ħlas kien mistenni li jsir kif miftiehem u kien waħda miż-żewġ rabtiet ewlenin li daħlu għalihom l-attur u sieħbu. Dak in-nuqqas kien jagħti raġuni lil Odel biex titlob it-temm tal-ftehim;

Illi minħabba li l-Qorti qiegħda tasal għall-fehma li kien hemm ksur sinjifikanti tal-ftehim min-naħa tal-attur, dan

---

[56] Ara Dokti "LC22" sa "LC25", f'paġġ. 181 – 8 tal-proċess

iġib l-effett li jonqos fih il-jedd li jippretendi d-danni mingħand Odel. F'dan il-każ, il-Qorti ma jidhrilhiex li għandha għalfejn tgħaddi biex tistħarreġ jekk Odel naqsitx hija wkoll mir-rabtiet tagħha, iżda tgħid biss li ċ-ċirkostanzi ta' kif Odel ħadet lura l-pussess tal-istabiliment huma mċajpra u la jikkonfermaw kategorikament it-teżi tal-attur u lanqas jiċħduha. Hekk ukoll l-attur naqas li jfisser għaliex, jekk kien tassew inqafel barra minn wara dahru bil-bdil taċ-ċwievet min-naħa ta' Odel, ma ħax il-proċeduri rimedjali li kien hedded li jieħu (l-azzjoni ta' spoll li tissemma fl-ittra legali tal-25 ta' Novembru, 1999) u b'hekk iżomm sħaħ il-jeddijiet tiegħu taħt il-ftehim;

Illi fid-dawl ta' dan kollu, l-Qorti sejra ssib tajba r-raba' eċċezzjoni ta' Odel u b'hekk sejra tiċħad l-ewwel talba attriċi. Ladarba dik it-talba tinbena biss fuq il-ksur kuntrattwali, l-Qorti ma tistax tgħaddi biex tqis **il-kwestjoni tad-dannu mġarrab mill-attur** fuq xi kawżali oħrajn, bħal arrikkiment indebitu, għaliex b'hekk tkun qiegħda toħroġ 'il barra minn dak li l-attur innifsu talabha u minn dak li kien dibattut waqt is-smigħ tal-kawża mill-partijiet;

Illi Odel kienet ressqet ukoll **żewġ eċċezzjonijiet preliminari**. L-ewwel waħda dwar in-nuqqas ta' integrita' tal-ġudizzju kienet miċħuda b'sentenza preliminari tal-4 ta' April, 2001. It-tieni waħda (dwar in-nuqqas ta' siwi tal-ftehim minħabba li mart l-attur ma ffirmatx il-kitba hija wkoll) mhix mistħoqqa, għaliex ħareġ li l-attur ma kienx miżżewweġ fiż-żmien li saret il-kitba;

Illi minkejja li ż-żewġ partijiet ressqu wkoll sottomissjonjiet dwar it-talba tal-kumpannija mħarrka għall-ħruġ tal-Kontro-Mandat għall-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju li l-attur kien ħareġ kontriha, jidher li l-istess partijiet insew dak li iddikjara l-avukat tal-attur waqt is-smigħ tat-3 ta' Marzu, 2004[57]. Ladarba b'dik id-dikjarazzjoni ngħad li l-Mandat ma kienx baqa' fis-seħħ, il-Qorti ma għandhiex għalfejn tibqa' tqis aktar dik it-talba;

[57] Paġ. 208 tal-proċess

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tiċħad l-ewwel talba attriċi** għaliex m'hix fondata fil-fatt u fid-dritt minħabba li l-attur kien naqas milli jwettaq ir-rabtiet kuntrattwali min-naħa tiegħu f'dak li jirrigwarda l-ħlasijiet li kien intrabat li jagħmel fiż-żmien miftihem;

**Tiċħad it-talbiet l-oħrajn** attriċi billi dawn huma konsegwenzjali għall-ewwel waħda; u

**Tordna** lill-attur iħallas l-**ispejjeż tal-kawża**, minbarra dawk tas-sentenza preliminari tal-4 ta' April, 2001, li tħallashom il-kumpannija mħarrka.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------